# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 1596/2017/2 TA**

**Dr.Tonio Azzopardi as special mandatory of Etienne Merlevede in his own name and on behalf of his twin minor children Gabriel and Chloe born on 27 June 2007 as authorised by decree dated 19 th February 2013**

**vs**

**Attorney General**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2019.

Rat ir-risposta tal-Avukat Tonio Azzopardi tal-11 ta' Marzu 2013.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Rat li r-rikors li tħalla għall-lum għal digriet.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Dak li qiegħed jitlob l-Avukat Ġenerali li jiżbanka is-somma ta' €17,566.66 peress li skont l-istess, dan il-ħlas diġa' sar peress li din ġiet depositata fl-atti ta'

Mandat ta' sekwestru li Lara Merlevede ħarġet numru 144/2017 maħruġ fit-3 ta' Mejju 2017 kontra l-intimat.

F'para 3 tar-rikors promotur, l-Avukat Ġenerali jippremetti li huwa diġa' ħallas l-ammont li qiegħed jintalab minn Dr. Tonio Azzopardi. Dan il-ħlas sar b'żewġ ċedoli ta' depożitu fl-atti tal-mandat numru 144/2017 li nħareġ qabel dak odjern fuq talba ta' Dr. Tonio Azzopardi nomine. Dan ifisser, li l-Avukat Ġenerali eżima ruħu mill-obbligu tal-ħlas li ġie impost fuqu bis-sentenza Kostituzzjonali tad-19 ta' April 2017 favur Dr. Tonio Azzopardi nomine.

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li l-ammont ta' proċeduri fuq il-materja bejn il-konjuġi Merlevede huma xhieda tal-attrit esagerat ta' bejniethom, li bħal donnu saħansitra kkontamina lill-avukati involuti f'dawn il-proċeduri, partikolarment, il-kummenti aċerbużi fir-risposta għar-rikors ta' Dr. Tonio Azzopardi nomine fil-konfront tal-Avukat Ġenerali.

Illum stess ingħata digriet ieħor inkonnessjoni mal-materja bejn l-istess partijiet. F'dawk il-proċeduri l-Avukat Ġenerali ġie imħarrek bħala debitur, mentri f'dawn il-proċeduri qed isiru minnu, din id-darba qua sekwestratarju. Di piu' ma huwa xejn minnu li l-Kawża Kostituzzjonali ***ordnat*** il-ħlas ta' xi somma. F'kull kawża, fejn tkun qed tintalab somma, kemm jekk ċerta jew likwidata, dak li tagħmel il-Qorti huwa li tikkanonizża somma **li tagħti** titolu eżekuttiv lill-Kreditur.

Bis-saħħa ta' dan it-titolu jkun jista' jirrikorri għal xi wieħed mill-mezzi indikati f'Artikolu 273 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Hawn insibu lista tal-mandati li bis-

saħħa tagħhom ikun jista' jiġi esegwit it-titolu akkwistat bis-saħħa tas-Sentenza. Huwa f'din l-istanza u ċioe' meta jintalab il-ħruġ ta' mandat, li l-Qorti tagħti ordni, mhux lid-debitur, iżda fil-każ ta' sekwestru, lil dawk li jkollhom assi tiegħu fil-pussess tagħhom biex ma jitilquhomx minn idejhom u ċioe' s-sekwestratarji (ara artikoli 377(1) u 378 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta). Dwar dan il-punt ingħata digriet llum stess relatat mal-mertu odjern.

Għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, il-liġi, sfortunatament ma tagħtix risposta netta, bħal ma huwa l-każ meta jkun hemm konkors ta' kredituri fuq l-istess ammont li jkun ġie depositat taħt l-awtorita' tal-Qorti. Għalhekk din il-Qorti ser ikollha timxi b'sens kommun u skont id-dettami ta' sens ta' ġustizzja mal-partijiet. Sabiex dan isir, ċertu dati ta' kif seħħew l-avvenimenti huma ta' importanza.

Għalkemm is-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ingħatat fis-19 ta' April 2017, huwa minnu, li Dr. Tonio Azzopardi nomine presenta il-mandat odjern fit-3 ta' Mejju 2017. Pero' huwa minnu ukoll, li l-imsemmi qabel kien għamel diversi intimazzjonijiet inutli lill-Avukat Ġenerali biex jgħaddi għall-ħlas tas-somma li ġie ikkundannat iħallas bis-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fuq imsemmija. Huwa minnu ukoll, li l-ewwel depożitu fl-ammont ta' €7,000 sar jumejn wara li inħareġ il-mandat 114/2017 ta' Lara Merlevede. Dan ifisser li skont artikolu 378 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali għadda skont kif titlob il-liġi biex jagħmel depositu fl-atti tal-mandat 114/2017 (ara a' fol 4). Iżda flok id-depożita l-ammont kollu, kif osservat il-Qorti bid-digriet tagħha tad-9 ta' April 2018, speżentaħ billi

id-deposita biss dak li skont s-sentenza Kostituzzjonali kien dovut lil Etienne Merlevede peress li l-bilanċ kien tat-tfal.

Li fil-fehma ta' din il-Qorti li ħoloq il-problema kien it-tieni depożitu ta' €10,123.41. (a' fol 8). Dan sar fid-9 ta' Marzu 2018 u ċioe' **wara** li ħareġ il-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti fehmet ukoll, li l-mandat 144/2017 huwa wieħed kawtelatorju, mentri dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa wieħed esekuttiv. Din il-Qorti ma għandha ebda informazzjoni dwar jekk Lara Merlevede ddeduċitx l-pretensjoni tagħha b'kawża u fejn waslu l-proċeduri. Il-Qorti ser tippreżumi, li din saret u għadha pendenti għax alltrimenti il-partijiet żgur kienu jattiraw l-attenzjoni ta' din il-Qorti.

Huwa minnu ukoll, li l-Avukat Ġenerali qua sekwestratarju, sab lilu nnifsu f'salib it-toroq b'żewġ mandati jordnawlu jagħmel l-istess ħaġa. Il-liġi ma jidhirx li tipprovdi għal din is-sitwazzjoni. Għalhekk L-Avukat Ġenerali ddeċieda li jiddeposita l-bilanċ tal-ammont għal darba oħra fl-atti tas-sekwestru 144/2017 u mhux dak odjern. Probabbilment kieku għamel hekk, kien isib il-protesti tal-parti l-oħra. Din ma hiex materja ta' gradwazzjoni ta' kredituri għaliex altrimenti kienu japplikaw ir-regola tal-konkors ta' kredituri. L-anqas ma jista' jiġi applikat il-pinċipju fil-kamp ipotekarju ta' *potior in tempore potior in iure .*

Il-Qorti għalhekk tħoss li l-aħjar soluzzjoni tkun, li kwantu għall-ammont ta' sebgħat elef jista' jkun irtirat, għaliex meta dan kien depositat il-mandat odjern kien għadu ma ħariġtx. Kwantu għall-għaxart elef ewro dawn għandhom jibqgħu depożitati, u jekk xi ħadd mill-partijiet jidhirlu li għandu dritt għalihom, fid-dawl

tal-kontestazzjoni palpabbli li tesisti bejn iż-żewġ partijiet, dawn għandhom jingħataw wara li ssir kawża minn min jidhirlu għandu dritt għalihom quddiem Qorti kontenzjuża permezz ta' rikors ġuramentat.

Il-Qorti tfakkar li dawn il-proċeduri faqqsu minn sempliċi rikors ta' meta l-Imħallef sedenti kien tal-għassa u ma jkunx xieraq li punt ta' kontenzjoni bħal dan jiġi trattat b'dan il-mod.

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' it-talba limitatament għall-ammont ta' €7000. Kwantu għal bilanċ dan għandu jingħata lil dik il-parti, li tiġi dikjarata intitolata għalihom, wara li ssir Kawża, għaldaqshekk, minn min mill-partijiet jidhirlu li għandu jagħmilha.

Spejjeż jibqgħu bla taxxa.

Illum 27, ta' Ġunju, 2022

**Imħallef Toni Abela**